MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR GHAWDEX

## GUDIKATUR DR. GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 93/2002

**Louis Vella**

**vs**

**Nelly Pisani**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Tikkundanna lill-konvenuta Nelly Pisani thallas is-somma ta' tlett mija u erbgha u disghin lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm394.64) dovuti bhala danni sofferti mill-attur per konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li sehh fis-sebgha (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u wiehed (2001) fi Triq Putirjal, Victoria, Ghawdex bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBD 169 misjuqa mill-konvenuta u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni SAJ 003 appartenenti lill-attur Louis Vella u misjuqa minn ibnu George Vella, u ta' liema incident inti konvenuta kont unikament

responsabbli minhabba imperizji, sewqan eccessiv, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja fis-7 ta' Marzu 2002, l-ittra ufficjali mibghuta lilek konvenuta f'Gunju 2002 u ta' l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment ma'dan l-avviz lis-socjeta' assikuratrici tal-konvenuta."

Ra r-risposta:

"Dak li talab l-attur qed jigi kontestat ghax l-incident stradali de quo ma sarx htija tal-eccepjenti."

Sema' x-xhieda u ezamina d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidra:

Illi mhux ikkontestat bejn il-partijiet illi George Vella, bin l-attur kien tiela' fi Triq Putirjal fid-direzzjoni ta' Pjazza San Frangisk fil-belt Victoria, Ghawdex – liema triq hija "one-way" u ghalkemm kellu d-dritta, waqaf sabiex ceda lill-konvenuta li kienet hierga mit-triq laterali li hemm fuq in-naha tax-xellug int u thares fid-direzzjoni tal-imsemmija Pjazza. Hekk kif il-konvenuta kienet qieghda ddur (verzjoni tal-attur) ossia lahqet daret (verzjoni tal-konvenuta), sehhet il-habta. Il-partijiet jaqblu wkoll illi kien hemm kongestjoni tat-traffiku, li l-vettura li kien hemm quddiem il-konvenuta waqfet u ghalhekk waqfet il-konvenuta wkoll. X'hin din il-vettura ta' quddiem bdiet miexja mill-gdid, il-konvenuta qalghet biex terga' tibda' timxi, u f'dan il-punt sehhet il-habta.

U hawn titfacca d-divergenza ewlenija bejn il-partijiet, u li t-Tribunal ghandu l-kompitu jiddeciedi liema wahda minnhom hija veritjera: l-attur isostni li meta giet biex taqla', l-vettura tal-konvenuta nizlet lura u habtet mieghu; filwaqt li l-konvenuta qalet li kien George Vella li dahal fuqha minn wara.

It-Tribunal jirrileva li t-triq fejn sehh l-incident hija angolata ’l fuq fid-direzzjoni ta’ Pjazza San Frangisk, b’mod li vettura li tithalla “free” tista’ tinzel lura f’din it-triq.

Stranament, il-konvenuta nnifisha ma xehditx f’din il-kawza, ghalkemm xehdet il-kunjata taghha li kienet riekba maghha. Fir-risposta taghha, hija qalet biss li l-incident ma sehhx tort taghha minghajr ma tat xi raguni ghal dan. L-uniku stqarrija li dan it-Tribunal ghandu minghand il-konvenuta hija dik minnha maghmula lis-surgent li rrediga r-road accident report fis-sens li *mort naqla’ u l-iehor baqa’ diehel go fija SAJ 003 ghax kien ezatt warajja.*

Il-verzjoni tal-attur hija korroborata minn xhud okulari minnu prodott, li nzerta kien fuq il-bankina fejn sehhet il-habta: George Grech (fol 17). Imma mhux biss. Anke l-kunjata tal-konvenuta, Guza Pisani, li kienet riekba maghha, u li giet prodotta bhala xhud mid-difiza nnifisha, ammettiet li l-vettura tal-konvenuta mxiet lura hija u taqla’ (fol 42 et seq): *trid bilfors tinsel ftit ’l isfel… normali eh kif jaghmlu l-karozzi normali* (sic).

Il-premess huwa bizzejjed biex inissel fil-gudikatur il-konvincement morali li l-verzjoni tal-attur ghandha tigi emmnuta. Pero’ wiehed jista’ wkoll izid is-segwenti fatturi li ghalkemm mhux konklusivi fihom innifishom pero’ jaghtu huma wkoll indizji korroborattivi dwar ir-responsabilita’ tal-konvenuta:

1. il-hsara fil-vettura tal-attur kienet migbura fuq in-naha tax-xellug tal-faccata. Dan jindika li l-vettura tal-konvenuta kienet angolata meta sehhet il-habta, u mhux miexja ghad-dritt, kif sostniet Guza Pisani; kieku kienet veru l-verzjoni ta’ din il-mara, il-hsara kienet tkun fin-<u>nofs</u> tal-faccata tal-vettura tal-attur, ghax fil-post fejn sehh l-incident, il-vetturi jkunu telghin bhal purcissjoni, wahda wara l-ohra.

2. ma jirrizultax li George Vella ma kienx attent fis-sewqan tieghu, tant illi kien gentili u ezercita d-debita kortesija stradali meta ta d-dritta lill-konvenuta, anke meta kellu d-dritta hu; u ghalhekk waqaf biex ihalliha tghaddi.

Difficli ghalhekk wiehed jirraviza kif dan, wara li ssuktat miexja l-konvenuta, b'mod traskurat baqa' diehel go fiha.

3. ghalkemm il-konvenuta hasset id-daqqa, ma waqfitx, imma baqghet miexja u waqfet biss fi Pjazza San Frangisk. Huwa ferm inverosimili li wara d-daqqa li ma kinitx skond hi t-tort taghha, hija baqghet sejra u ma hargitx biex tikkontrolla x'kien gara. Atteggjament bhal dan huwa iktar kompatibbli ma' xi hadd li kellu t-tort u ttama' li ta' warajh ma jghidlu xejn.

Ma kienx hemm kontestazzjoni dwar il-kwantum tad-danni.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur, jiddikjara li l-konvenuta hija unikament responsabbli ghall-incident u konsegwentement jikkundannaha thallas lill-attur is-somma ta' LM394.64 ammont ta' danni sofferti mill-attur kif ippruvat minnu f'din il-kawza, bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv, bl-ispejjez ta' din l-istanza kif ukoll tal-ittra interpellatorja tas-7 ta' Marzu 2002 u l-ittra ufficcjali spedita kontestwalment mal-avviz tat-talba f'Gunju 2002 a kariku tal-istess konvenuta.

(ft) Grazio Mercieca
Gudikatur
(ft) Mary Jane Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur

--------------------------------TMIEM--------------------------------